

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## L 259

### tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

27 ta' Settembru 2012

Werrej

## II Atti mhux leġiżlattivi

## REGOLAMENTI

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 878/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jstabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 879/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokkazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni mit-8 sal-14 ta' Settembru 2012 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għat-tali liċenzji ..... 3

## DEĊIŻJONIJIET

2012/521/UE:

★ **Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-20 ta' Settembru 2012 li taħtar Imhalef fil-Qorti tal-Ġustizzja** ..... 5

## ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2012/522/UE:

★ **Deċiżjoni Nru 3/2012 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-13 ta' Settembru 2012 dwar l-assenjar mill-ġdid ta' parti mir-riżorsi mhux allokkati tal-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-koperazzjoni Intra-AKP** ..... 6

Prezz: EUR 3

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 878/2012

tas-26 ta' Settembru 2012

li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati <sup>(2)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2012.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

## ANNEX

## Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz <sup>(1)</sup>	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	MK	57,9
	XS	46,1
	ZZ	52,0
0707 00 05	MK	13,4
	TR	126,8
	ZZ	70,1
0709 93 10	TR	126,8
	ZZ	126,8
0805 50 10	AR	89,9
	CL	91,5
	TR	109,0
	UY	64,7
	ZA	89,9
	ZZ	89,0
0806 10 10	MK	41,5
	TR	128,1
	ZZ	84,8
0808 10 80	BR	89,7
	CL	138,0
	NZ	138,0
	US	181,6
	ZA	108,5
	ZZ	131,2
0808 30 90	CN	75,6
	TR	110,4
	ZA	144,5
	ZZ	110,2
0809 30	TR	148,9
	ZZ	148,9
0809 40 05	IL	60,4
	ZZ	60,4

<sup>(1)</sup> In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 879/2012

tas-26 ta' Settembru 2012

li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokkazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni mit-8 sal-14 ta' Settembru 2012 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u li jissospendi t-tressiq ta' applikazzjonijiet għat-tali liċenzji

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli ("ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS")<sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni<sup>(2)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jiftaħ u jamministra ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur taz-zokkor<sup>(3)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kwantitajiet li jkopru l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa lill-awtoritajiet kompetenti mit-8 sal-14 ta' Settembru 2012 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009, jaqbz u l-kwantità disponibbli skont is-serjejiet li jgħibu n-numri 09.4317, 09.4318, 09.4319, 09.4320 u 09.4321.

- (2) F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi ffissat koeffiċjent tal-allokkazzjoni għal-liċenzji li għandhom jinħarġu fir-rigward tas-serjejiet li jgħibu n-numri 09.4317, 09.4318, 09.4319, 09.4320 u 09.4321 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006. It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzji għal dawk in-numri tas-serje għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq, skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

1. Il-kwantitajiet li għalihom tressqu l-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mit-8 sal-14 ta' Settembru 2012 skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 891/2009 għandhom jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjenti tal-allokkazzjoni stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

2. It-tressiq ta' iktar applikazzjonijiet għal-liċenzji, li jikkorrispondu man-numri tas-serje mogħtija fl-Anness, għandu jkun sospiż sa tmiem is-sena tas-suq 2012/2013.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Settembru 2012.

Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 254, 26.9.2009, p. 82.

## ANNEX

**“Il-konċessjonijiet taz-zokkor tal-iskeda bin-numru CXL”****Is-sena tas-suq 2012/2013****Applikazzjonijiet li tressqu mit-8.9.2012 sal-14.9.2012**

In-numru tas-serje	Il-pajjiż	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f%)	Iktar applikazzjonijiet
09.4317	L-Awstralja	14,285714	Sospiżi
09.4318	Il-Brażil	12,292758	Sospiżi
09.4319	Kuba	33,333333	Sospiżi
09.4320	Kwalunkwe pajjiż terz	4,000003	Sospiżi
09.4321	L-Indja	9,090909	Sospiżi

**“Iz-zokkor mill-Balkani”****Is-sena tas-suq 2012/2013****Applikazzjonijiet li tressqu mit-8.9.2012 sal-14.9.2012**

In-numru tas-serje	Il-pajjiż	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f%)	Iktar applikazzjonijiet
09.4324	L-Albanija	—	
09.4325	il-Bosnja-Herzegovina	( <sup>1</sup> )	
09.4326	Is-Serbja	( <sup>1</sup> )	
09.4327	Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	—	
09.4328	Il-Kroazja	( <sup>1</sup> )	

— Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

<sup>(1)</sup> Mhux applikabbli: l-applikazzjonijiet ma jaqbxux il-kwantitajiet disponibbli u qed jingħataw kollha.**“Iz-zokkor għall-importazzjoni eċċezzjonali u dak għall-importazzjoni industrijali”****Is-sena tas-suq 2012/2013****Applikazzjonijiet li tressqu mit-8.9.2012 sal-14.9.2012**

In-numru tas-serje	It-tip	Il-koeffiċjent tal-allokazzjoni (f%)	Iktar applikazzjonijiet
09.4380	Eċċezzjonali	—	
09.4390	Industrijali	( <sup>1</sup> )	

— Mhux applikabbli: il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal-liċenzja.

<sup>(1)</sup> Mhux applikabbli: l-applikazzjonijiet ma jaqbxux il-kwantitajiet disponibbli u qed jingħataw kollha.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tal-20 ta' Settembru 2012

li taħtar Imhalled fil-Qorti tal-Ġustizzja

(2012/521/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 253 u 255 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-mandati ta' erbatax-il Imhalled u erba' Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja waslu biex jiskadu fis-6 ta' Ottubru 2012. Għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2018, erbatax-il Imhalled u erba' Avukati Ġenerali għandhom jinħatru fil-Qorti tal-Ġustizzja.
- (2) Fil-25 ta' April 2012, permezz tad-Deċiżjoni 2012/244/EU <sup>(1)</sup>, ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru ħdax-il Imhalled u tliet Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2018. Fl-20 ta' Ġunju 2012, permezz tad-Deċiżjoni 2012/345/EU <sup>(2)</sup>, ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru żewġ Imħallfin u Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja għal dan l-istess perijodu.
- (3) Biex titwettaq is-sostituzzjoni parzjali tal-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri għandhom jaħtru Mhalled ieħor fil-post li għad fadal biex jimtela.

(4) Ġiet proposta l-kandidatura tas-Sur Anthony BORG BARTHET għall-post vakanti ta' Mhalled fil-Qorti tal-Ġustizzja.

(5) Il-kumitat stabbilit mill-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità tas-Sur Anthony BORG BARTHET għall-qadi tal-funzjonijiet ta' Mhalled fil-Qorti tal-Ġustizzja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Is-Sur Anthony BORG BARTHET huwa b'dan maħtur Imhalled fil-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mis-7 ta' Ottubru 2012 sas-6 ta' Ottubru 2018.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2012.

Il-President

K. KORNELIOU

<sup>(1)</sup> ĠU L 121, 8.5.2012, p. 21.

<sup>(2)</sup> ĠU L 169, 29.6.2012, p. 60.

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 3/2012 TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE

tat-13 ta' Settembru 2012

dwar l-assenjar mill-ġdid ta' parti mir-riżorsi mhux allokati tal-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-koperazzjoni Intra-AKP

(2012/522/UE)

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

## **Kooperazzjoni Intra-AKP**

Ammont ta' EUR 195 miljun għandu jiġi ttrasferit mir-riżorsi mhux allokati tal-10 FEŻ għall-pakkett maħsub għall-koperazzjoni Intra-AKP, skont l-oġettivi stabbiliti fl-Artikoli 11, 28, 29 u 30 tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE.

*Artikolu 2*

## **Talba għall-finanzjament**

B'konformità mal-Artikolu 12b(a) tal-Anness IV tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, il-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jitlob lill-Kummissjoni tiffinanzja l-attivitajiet proposti mill-UE u mill-Grupp ta' Stati tal-AKP, rispettivament, u b'mod partikulari biex ttiprovdi finanzjament addizzjonali għall-Fond għall-Paċi fl-Afrika ta' EUR 100 miljun, sabiex jiġu appoġġati l-isforzi tal-Unjoni Afrikana u organizzazzjonijiet reġjonali biex jindirizzaw l-isfidi ta' sigurtà madwar l-Afrika.

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Settembru 2012.

*Għall-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE*

*Il-President*

D. EVINA ABE'E

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 <sup>(1)</sup>, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 <sup>(2)</sup>, u emendat għat-tieni darba f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010 <sup>(3)</sup> ("il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE"), u partikolarment il-paragrafu 6 tal-Anness Ib tiegħu,

Billi:

- (1) Il-fondi li baqa' mill-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) Intra-AKP mhumiex biżżejjed biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-ipprogrammar li rriżultaw mir-Reviżjoni ta' Nofs it-Terminu Intra-AKP tal-10 FEŻ.
- (2) Sabiex tkun tista' tkompli ttiprovdi rispons rapidu u effiċjenti għal sitwazzjonijiet ta' kunflitti vjolenti fl-Afrika, hemm bżonn ta' rikostituzzjoni tal-Fond għall-Paċi fl-Afrika.
- (3) Sabiex ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati l-prijoritajiet tal-UE u l-AKP, l-ammont meħtieġ mir-riżorsi mhux allokati tal-10 FEŻ għandu jiġi ttrasferit għall-pakkett maħsub għall-koperazzjoni Intra-AKP.
- (4) Huwa xieraq li l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jadotta din id-deċiżjoni mingħajr dewmien,

<sup>(1)</sup> ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

<sup>(2)</sup> Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 209, 11.8.2005, p. 27).

<sup>(3)</sup> Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).









## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

